**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 147/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Salvu Briffa et.**

Illum, il-31 ta' Jannar 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Salvu Briffa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 311561M, u *omissis* akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Marzu, 2015, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghodu gewwa *area* hekk maghrufa Ta' Hal Saflieni, limiti tal-Marsa u f'dawn il-gzejjer:

5. Talli ghenu jew ippruvaw jghinu, jhajru jew ippruvaw ihajru, taw pariri jew ippruvaw jaghtu pariri, qabbdu jew ippruvaw iqabbdu lil Christian Cucciardi biex jikser id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar, u *cioe'*, sabiex qieghed, ipprova jqieghed jew halla li jitqieghed xi tajer, lakstu, *polystyrene*, karti jew xi kombustibli, jew materjal iehor li jaqbad jew jisplodi qrib xi sigra elenkata fl-iskeda I jew fl-iskeda II, jew qrib xi sigra li tinsab f'zona ghall-harsien tas-sigar jew f'zona protetta u dan bi ksur tar-regolamenti 15 u 29(d) tal-Ligi Sussidjarja 504.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Ghenu jew ippruvaw jghinu, jhajru jew ihajru, taw pariri jew ippruvaw jaghtu pariri, qabbdu jew ippruvaw iqabbdu lil Christian Cucciardi biex jikser id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar, u *cioe'*, sabiex jordom fl-art jew jipprova jordom fl-art, jarmi jew jipprova jarmi, ipoggi jew jipprova jpoggi xi hamrija, demel, skart, zibel, gebel, terrapien,

metall tal-iskrapp jew xi skart qrib xi sigra elenkata fl-iskeda I jew fl-iskeda II, jew qrib xi sigra li tinsab f'zona ghall-harsien tas-sigar jew f'xi zona protetta u dan bi ksur tar-regolamenti 16 u 29(d) tal-Ligi Sussidjarja 504.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Taw ordni lil Christian Cucciardi sabiex jaghmel id-delitt, u/jew taw ghodod jew mezzi ohra (gaffa tal-marka *Fiat Allis* appartenenti lill-kumpanija *JAC Steel Ltd.*, li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kienet taf li kellhom hekk jigu wzati, u/jew b'xi mod li jkun, xjentement, u/jew ghenu jew assistew lil Christian Cucciardi fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u *cioe'*, billi minghajr licenzja tal-awtorita' kompetenti, wettaq attivita' li tmur kontra l-principji tar-restawr ekologiku jew speci u l-immaniggar ta' *areas* protetti kif jista' jigi preskritt, inkluzi attivitajiet li jkunu mistennija li jaghmlu tibdil permanenti ghall-*area* protetta u attivitajiet li jkunu se jkollhom effett fuq id-diversita' bijologika u dan bi ksur tal-artikoli *ai termini* tal-Artikolu 42(a)(c)(d) tal-Kapitolu 9 u 66(a)(xii)(1)(5) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Taw ordni lil Christian Cucciardi sabiex jaghmel id-delitt u/jew taw ghodod jew mezzi ohra (gaffa tal-marka *Fiat Allis* appartenenti lill-kumpanija *JAC Steel Ltd.*, li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kienet taf li kellhom hekk jigu wzati, u/jew b'xi mod li jkun, xjentement, u/jew ghenu jew assistew lil Christian Cucciardi fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u *cioe'*, billi rema', tefa', halla jew xort' ohra qattar jew iddepozita xi zibel f'xi post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, meta dak id-depozitu u t-thollija ma kinux awtorizzati b'ligi, u/jew rema' jew nehha xi hwejjeg mormija, zibel, skart, *swill* jew kull oggett iehor ta' daqs jew kwantita' jew kumulu, li meta tqiesu wahedhom, jikkawzaw haga li ddejjaq jew li jista' jwassal ghad-deterjorament jew thassir ta' post pubbliku, w dan bi ksur tal-artikolu *ai termini* tal-Artikolu 42(a)(c)(d) tal-Kapitolu 9 u r-regolamenti 4 u 10 (3) tal-Ligi Sussidjarja 504.67 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-hames, is-sitt u t-tmien akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta' elfejn u hames mitt ewro, filwaqt li lliberatu mis-seba akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant, Salvu Briffa, pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati, u *cioe'*, fis-seba' akkuza u thassarha, tirrevokaha u kwindi minnha tillibera lill-appellant skond il-ligi mill-hames, is-sitt u t-tmien imputazzjoni u b'hekk tillibera lill-appellant minn dawn l-imputazzjonijiet imsemmija u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax,

alternattivament, tirriformaha in rigward il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u b'hekk tinfliggi piena iktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Salvu Briffa, huma s-segwenti w *cioe'*:-

1. Illi l-esponenti kellu jigi liberat mill-akkuzi *stante* n-nuqqas tal-element intenzjonali tar-reat.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma kinux ta' tali portata sabiex l-appellant jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.
3. Illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva.

***L-ewwel aggravju: In-nuqqas tal-element intenzjonali***

Illi bhal kull reat iehor, l-akkuzi li ngabu fil-konfront tal-appellant ghandhom jissodisfaw kemm l-element formali kif ukoll l-element materjali tar-reat.

Illi mix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta li l-element formali huwa nieqes. L-akkuzati, nkluz l-appellant, kif ukoll ir-rapprezentant tal-*Malta Industrial Parks Ltd.*, xehdu li apparti xi xogholijiet ta' manutenzjoni sabiex jinghalqu xi hofor, kellu jsir xoghol ta' tindif tas-sit. Dawn kienu wkoll l-istruzzjonijiet li proprju kellu l-appellant, u *cioe'*, li jnaddaf is-sit u mhux li l-iskart li kien hemm fuq is-sit jintefa ghal isfel.

Illi l-kaz odjern gie ntavolat biss minhabba misinterpretazzjoni tal-fatti da parti tal-pulizija ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu l-appellant kif ukoll Christian Cucciardi li kien qieghed isuq il-gaffa. Il-membri tal-pulizija li kienu fl-akwata nterpretaw li l-iskart kien ser jigi mitfugh fil-wied u ghalhekk hargu l-akkuzi, u dan minkejja li l-ghan wara din il-hidma kienet li jitnaddaf is-sit inkluz l-iskart kollu li kien jinsab fl-akwata.

Illi meta wiehed jikkunsidra li l-ghan kien li jsir it-tindif tal-post, ma jaghmilx sens li l-appellant kien ser jitfa l-iskart gol-wied *stante* li b'hekk ikun qieghed ipoggi f'pregudizzju serju x-xoghol tieghu. L-appellant stess, fid-dikjarazzjoni tieghu stqarr li s-sit kien diga' gie mnaddaf darba ohra izda rega' mtela bl-iskart ta' terzi.

Illi tant l-appellant ma kellux intenzjoni li jitfa l-iskart gol-wied, li sa ftit jiem wara s-17 ta' Marzu, 2015, il-post kien diga' gie mnaddaf u ngabar ukoll l-iskart kollu.

***It-tieni aggravju: In-nuqqas ta' provi***

Illi ibda biex, ghandu jinghad li l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma jissodisfawx il-grad rikjest fil-kamp kriminali. Mix-xhieda tal-akkuzati hareg bic-car li l-iskart li raw il-pulizija kien diga' jinsab fil-post sahansitra gimgha qabel. Ma ngabet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li l-materjal li kien jinsab fil-wied intefa kollu mill-esponenti.

Illi l-akkuzi li nstab hati taghhom l-appellant huma specifici f'dak li jaghmlu referenza partikolari ghal sigar elenkati fl-iskeda I u l-iskeda II u ghal sigar li jinsabu f'zoni ghall-harsien tas-sigar jew zoni protetti ohra. Tul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, l-Prosekuzzjoni naqset milli tindika u tipprova jekk is-sit fejn sehh l-allegat reat huwiex zona ghall-harsien tas-sigar jew zona protetta. Ma ngabet l-ebda prova wkoll dwar x'tip ta' sigar kien hemm fil-qrib sabiex wiehed jikkonkludi jekk dawn is-sigar humiex elenkati fl-iskeda I u l-iskeda II tal-Ligi Sussidjarja 504.16.

Illi din il-prova kienet wahda essenzjali sabiex jigi deciz il-kaz odjern *stante* li z-zona hija wahda ndustrijali u ghalhekk huwa remot li zona ghall-harsien ta' sigar jew zona protetta, jew sahansitra sigar elenkati fl-iskeda I u II jinsabu go zona bhal din.

***<u>It-tielet aggravju: Il-piena eccessiva</u>***

Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal hawn fuq, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib l-esponenti hati, l-piena certament ma tirriflettix il-fatti fil-kaz in ezami *stante* li l-ghan tal-progett kien li jsir xoghol ta' tindif, hekk kif sar.

Illi ta' min jinnota wkoll li l-pieni li ghandhom jigu nflitti fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant huma mnizzla fl-Artikolu 29(2) tal-Ligi Sussidjarja 504.16, regolament 2. Skond l-artikolu jirrizulta li l-piena nflitta tiddependi fuq jekk ir-reat hux l-ewwel wiehed. L-istess artikolu jipprefiggi pieni differenti skond l-iskeda li tahtha taqa' t-tip ta' sigra jew zona kif ukoll issir referenza ghaz-zmien tas-sigar.

Galadarba ma ngabet l-ebda prova tal-klassifikazzjoni taz-zona, x'tip ta' sigar kienu jinsabu fl-akwata dakinhar tal-allegat reat u taz-zmien taghhom, l-ebda minn dawn il-pieni ma setghet tigi applikata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi essenzjalment l-aggravji imqanqla mill-appellant iduru madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tieghu ma kienx hemm provi li jistabbilixxu l-element intenzjonali ghal kummissjoni tar-reati lilu addebitati, kif

ukoll illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi sufficjenti sabiex tissostanzja l-akkuzi kif minnha imfassla.

Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u qieset il-provi kkumpilati fl-atti fid-dawl tar-regolamenti li l-appellant jinsab mixli bil-vjolazzjoni taghhom. Illi l-fattispecje tal-kaz ma jidhirx li huma kontestati u dan meta rrizulta li l-appellant jokkupa l-kariga ta' *foreman* fi hdan is-socjeta Malta Industrial Parks fejn fost il-manzjonijiet riposti lilu hemm it-tindif taz-zoni pubblici. Hekk fil-fatt kien qed jaghmel l-appellant fl-ghodwa tas-17 ta' Marzu 2015, meta kien qed jissorvelja it-tindif ta' zona gewwa il-park industrijali fil-Marsa vicin ic-Cimiterju tal-Addolorata.

Fil-fatt għal ħabta tad-9:30 ta' fil-ghodu l-pulizija li kienu xogħol jassistu lill-impjegati tal-Awtorita ta'l-Ippjanar ġewwa *scrapyard* fil-vicinanzi innutaw gaffa b'persuna ġo fiha li kien qed jarmi xi materjal ġewwa wied li jinsab biswit iċ-ċimiterju tal-Addolorata. Dan l-iskart kien jikkonsisti f'numru ta' *tyres*, ġebel, injam, għamara, xi saqqu u sufan. Il-persuna li kien qed isuq il-gaffa kien certu Christian Cucciardi li kien laħaq tefa l-materjal kollu li kien hemm fit-triq ghal isfel fil-wied qabel ġie mitkellem mill-pulizija fejn stqarr li kien mexa fuq struzzjonijiet tal-appellant li kien il-*foreman* tal-Malta Industrial Parks Ltd. u li kien qed jieħu ħsieb it-tindif tat-triq maġenb il-wied taħt iċ-ċimiterju tal-Addolorata, wara li kien intlaħaq ftehim f'dan is-sens mal-uffiċjali tal-Awtorita ta'l-Ippjanar.

Il-pulizija ghalhekk tkellmu mal-appellant li *a tempo vergine* ikkonferma li kien preżenti meta Cucciardi rema l-iskart fil-wied fuq istruzzjonijiet tiegħu stess, fejn mitlub jispjega għalfejn tah dawn l-istruzzjonijiet żied jgħid illi dan ghamlu ghaliex diġa' kien hemm xi materjal mormi fil-wied. Meta jixhed fil-qorti izda huwa jaghti verzjoni kemmxejn differenti fejn jichad illi huwa qatt hareg xi istruzzjonijiet sabiex l-iskart jintrema ghal gewwa l-wied, u anzi jikkontendi illi huwa kien qed jistenna it-trukk li solitament jigi minnu mqabbad sabiex ighabbi l-iskart biex l-istess imbaghad jintrema fejn suppost.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jiehu l-pedana tax-xhieda kemm in prim'istanza kif ukoll quddiem din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni, izda tul il-kors tad-deposizzjoni tieghu isib oggezzjoni ghal dawk il-mistoqsijiet li jigu mressqa in kontro-ezami marbuta mal-istqarrijiet li kienu gew rilaxxjati minnu lil pulizija *a tempo vergine* ghalkemm huwa kien kiseb parir minn ghand avukat tal-fiducja tieghu qabel ma ghamel dawn id-dikjarzzjonijiet. Dan ghaliex fil-fehma tieghu gjaldarba huwa ma kellux avukat prezenti mieghu meta rrilaxxja l-istqarrijiet tieghu allura sehhet lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Dan ghaliex l-istqarrija minnu rilaxxjata minghajr il-presenza ta' avukat, fil-fehma tieghu, hija vjolattivi tad-dritt tieghu ghas-silenzju iktar u iktar meta dawn jintuzaw kontra tieghu f'dawn il-proceduri penali.

Illi mhux kontestat illi l-appellant ingħata u għamel użu mid-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu ghalkemm jilmenta illi gjaladarba fiz-żmien li ttieħdet din l-istqarrija l-liġi kienet għada ma tipprovdix ghal-jedd illi l-avukat ikun preżenti fil-kors tal-interrogazzjoni, dan iwassal awtomatikament ghal vjolazzjoni kif imsemmi u l-konsegwenti inammissibbilita' tal-istqarrija tieghu bhala prova in atti.

Illi jinghad qabel xejn illi illum gew imfassla il-kriterji mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ghandhom jigu ezaminati f'kull kaz ghalih u dan anke fejn allura tezisti restrizzjoni generali fil-ligi dwar id-dritt tal-access ghall-avukat, bil-Qorti Ewropeja titbieghed mill-insenjament tramandat fil-kaz ta' *Salduz*. Illi ghalkemm illum il-ligi penali nostrana giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija. **Dan b'differenza mis-sitwazzjoni li kienet tezisti qabel is-sena 2010 fejn hemmhekk il-persuna suspettata kienet ghal kollox imcahhda minn xi forma ta' assistenza legali**.

Illi illum din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjamenti recenti moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod ewlieni dak ta' *Farrugia vs Malta* li mexa

fuq l-insenjament tramandat fil-kaz *Bueze vs Belgium* u *Doyle vs Ireland* ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dawn il-pronunzjamenti kull kaz irid jitqies ghalih u allura jrid jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.

Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi *a priori* illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il-proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':

*1. the existence of compelling reasons for the right to be witheld*

*2. the overall fairness of the proceedings.*

Gie deciz hekk fil-kaz Bueze vs Belgium (para 120 – 130)[1]:

> ***'In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination***

[1] Deċiża nhar id-9.11.2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

*takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).' ...*

*'the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*

L-istess prinċiplji ġew applikati fis-sentenza li laqtet lil pajjizna, **Farrugia vs Malta** fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:

> ***'while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'*[2].**

Illi kif inghad l-appellant ikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu qabel irrilaxxja l-istqarrija u kien abbilment assistit mill-avukat tieghu tul dawn il-proceduri fejn qanqal diversi difizi li kollha ser jigu kkunsidrati minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha. In oltre, hemm provi u xhieda oħrajn li tressqu apparti din l-istqarrija, li jixhtu dawl fuq dak li sehh u fuq l-akkuzi addebitati lill-appellant. Mhux biss izda meta din il-Qorti tieħu kont tal-provi li hemm fl-atti mhijiex tal-fehma illi l-appellant sofra jew ser isofri xi preġudizzju irrimedjabbli billi fl-istadju li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu hu ma kellux l-avukat preżenti mieghu speċjalment tenut kont tal-fatt illi hu kien diġa kkonsulta debitament mal-istess. Konsegwentement dan l-ilment qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jinsab mixli bil-ksur ta' regolamenti li kienu jaqghu taht il-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' l-Att dwar l-Ambjent u L-Ippjanar tal-Izvilupp, il-Legislazzjoni Sussidjarja 504.16 u 504.67. Illi fis-sena 2016, madanakollu is-sezzjoni tal-Ambjent u tar-Risorzi gie mifrud minn dak tal-Ippjanar u l-Izvilupp biex b'hekk twaqqfu zewg awtoritajiet separati regolatorji ghal kull qasam. Fil-fatt il-legislazzjoni marbuta mal-ambjent u r-risorzi illum ġiet tramandata fil-Kapitolu 549 tal-Ligijiet ta'

[2] Farrugia vs Malta, deċiża nhar l-4.6.2019 mill-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

Malta u cioe' l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent li dahal fis-sehh permezz tal-Att I tal-2016 kif emendat imbaghad permezz ta'l-Att XXIII tal-2018. Illi allura ghalkemm twaqqfet awtorita gdida li tiehu hsieb unikament l-ambjent lokali u cioe' l-Awtorita ghall-Ambjent u Risorzi, l-legislazzjoni sussidjarja marbuta ma' dan il-qasam ukoll gie tramandat taht dan l-Att il-gdid.

Illi ghalkemm lura fl-2015, l-appellant gie mixli bil-ksur tar-regolamenti li jaqghu taħt il-leġislazzjoni sussidjarja 504.16, dawn gew tramandati fil-leġislazzjonijiet sussidjarja 549.64 li jittratta r-regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar, liema regolamenti imbaghad regghu gew sostitwiti permezz tal-Avviz Legali 258 tal-2018[3], fejn il-pieni ghal ksur ta' dawn ir-regolamenti illum zdiedu konsiderevolment. Mill-banda l-oħra il-leġislazzjoni sussidjarja 504.67 li jinsab mixli ukoll bil-ksur tal-istess l-appellant, huma issa nkorporati fil-leġislazzjoni sussidjarja 549.40 regolamenti li jharsu mill-abbandun, rimi u tneħħija ta' skart fit-toroq u f'postijiet jew żoni pubbliċi.

Issa r-regolamenti formanti l-mertu ta' dan il-każ u li tagħhom l-appellant instab ħati u cioe' il-Leġislazzjoni Sussidrarja 549.64 tiddisponi hekk dwar ir-rimi ta' skart vicin sigar jew imsagar li huma protetti fl-imsemmija regolamenti:

> **14. (1) Ebda persuna m'għandha tarmi jew tipprova tarmi, titfa' jew tipprova titfa', tferra' jew tipprova tferra', tħalli jaqa' jew tħalli jasal jew tipprova tħalli jaqa' jew tħalli jasal bioċidi, defoljant, fertilizzant, aċtu, alkali jew xi materjal korroživ, karburanti jew xi kombustibbli ieħor jew materjal splussiv, ilma salmastru, kimiċi jew xi sustanza oħra qrib xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew qrib xi siġra li tkun tinsab f 'żona għall-ħarsien tas-siġar jew xi żona protetta, li jista' jikkaġuna ħsara lil siġra bħal dik, għajr għal ilma frisk mhux kontaminat għal skopijiet ta' tisqija u sustanzi għall-kura tas-siġar u tal-għelieqi maħduma:**
>
> **15. Ebda persuna ma tista' tqiegħed, tipprova tqiegħed, jew tħalli li jitqiegħed xi tajer, lastku, polystyrene, karti, jew xi kombustibli jew materjal ieħor li jaqbad jew jisplodi, qrib xi siġra elenkata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew qrib xi siġra li tinsab f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'xi żona protetta.**
>
> **16. Ebda persuna ma tista' tordom fl-art jew tipprova tordom fl-art, tarmi jew tipprova tarmi, jew tpoġġi jew tipprova tpoġġi xi ħamrija, demel, skart, żibel, ġebel, terrapien, metall tal-iskrapp jew xi skart qrib xi siġra elenkata**

[3] Ara regolament 2(2) tal-imsemmi Avviz Legali

**fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II jew qrib xi siġra li tinstab f'żona għall-ħarsien tas-siġar jew f'xi żona protetta, ħlief għall-ħamrija jew substrat għall-kura ta' għelieqi maħduma, sakemm il-kwantitajiet ta' dawk is-sustanzi ma jkunux ta' detriment għas-siġar imħarsa bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti.**

Taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 imbaghad hemm dispost illi:

**4. Ħadd ma jista' jarmi, jitfa', iħalli, jew xort'oħra iqattar jew jiddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak iddepożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi:**

**Iżda għall-fini ta' dan ir-regolament, l-Iskeda 1 telenka, iżda mhux b'mod tassattiv, l-atti u n-nuqqasijiet li għandhom jitqiesu li jkunu offiża ta' tħollija ta' żibel jew depożitu jew tixrid ta' oġġetti skont dan ir-regolament.**

Illi l-appellant jissottometti illi l-Prosekuzzjoni naqqset illi tressaq prova dwar jekk iz-zibel misjub mormi f'din iz-zona pubblika kienx fil-fatt qrib xi sigra jew sigar li huma protetti bil-ligi. Lanqas fil-fehma tieghu ma tezisti ebda prova jekk il-wied fejn allegatament gie mormi dan l-iskart huwiex xi sit protett kif inghad.

Illi il-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellant ghandu ragun. Illi ghalkemm xehdu diversi rapprezentanti mill-Awtorita tal-Ambjent u anke gew esebiti ritratti taz-zibel li allegatament gie mormi u l-post fejn intrema, madanakollu dawn ma jixhdux jekk l-istess zibel kienx jinstab vicin xi sigra jew sigar protett u li huwa elenkat fl-Ewwel jew it-Tieni Skeda tar-regolamenti. Illi l-Qorti ma ghandhiex il-hila taghraf l-ispeci tas-sigar minn semplici ritratt minghajr ma jigi lilha indikat x'inhuma dawn l-ispeci u jekk l-istess humiex protetti bil-ligi. Ukoll ghalkemm ix-xhieda jindikaw illi ir-reat allegatament sehh gewwa xi wied vicin ic-Cimiterju tal-Addolorata, hawnhekk ukoll il-Prosekuzzjoni tonqos milli tindika b'mod specifiku permezz ta' pjanti jew xi **ariel photos** il-lok fejn jinsab dan il-wied, jekk dan huwiex sit protett u jekk ir-rimi tal-iskart sehhx fil-konfini ta' dan is-sit[4], bħalma lanqas ma tressqet il-prova dwar l-ispeci ta' siġar illi allegatamnet kien hemm fejn intefa' l-iskart. Illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova li setghet twassal ghal sejbien ta' htija u allura l-

[4] Għal dak li jirrigwarda dawn s-siti dawn jiġu stabbiliti skond ir-rogolament 5 jew 6 tal-istess leġislazzjoni sussidjarja iżda prova dokumentarja f'dan is-sens għal dak li jirrigwarda dan is-sit ma tressqux mill-prosekuzzjoni.

appellant ghandu jigi lliberat minn dawn l-akkuzi li jaqghu taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.64, gja 504.16.

Ikkunsidrat:

Illi fir-raba akkuża mressqa kontra l-appellant, huwa jinsab mixli bil-ksur tar-regolamenti mfassla taħt leġislazzjoni sussidjarja 549.40, gja 504.67 u cioe' r-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Zoni Pubblici, fejn allura, trid titressaq prova dwar in-natura ta' skart li jigi mormi u ċioe jekk dan l-iskart jaqax taħt it-tieni skeda tal-leġislazzjoni sussidjarja, liema lista pero' mhijiex waħda tassattiva. In oltre l-att materjali jrid taqa' taħt wieħed minn dawk elenkati fl-ewwel Skeda tal-istess leġislazzjoni sussidjarja.

Issa l-appellant jilmenta illi huwa ma setax jinsab hati li ikkometta dina il-vjolazzjoni tal-ligi gjaldarba il-prosekuzzjoni naqqset milli tipprova illi huwa kellu l-intenzjoni li jikkometti dan ir-reat. Dan ghaliex jisħaqq li hu ma rema xejn fil-wied peress illi l-istruzzjonijiet li ghadda lil persuna li kienet qed issuq il-gaffa kienu li jiġborhom gozz biex sussegwentement jiġi l-vann li jagħmel ir-ronda sabiex jiġbor l-iskart li jkun inġabar biex dan jintrema ġewwa sit awtoriżżat għal dan il-fini skond il-liġi.

Illi ghar-rigward ta' dan l-aggravvju l-appellant ma ghandux ragun. Dan ghaliex il-ksur tar-regolamenti li dwarhom jinsab mixli, huwa wiehed minn dawk il-vjolazzjonijiet tal-ligi fejn l-att materjali wahdu jista' iwassal ghal htija, bl-awtur tar-reat madanakollu jista' iressaq id-difiza illi huwa agixxa bi prudenza u diligenza u li allura jonqos il-volontarjeta' tal-att, sabiex b'hekk jezimi ruhu mir-responsabbilta penali. Dawn huma il-kazijiet tal hekk imsejjha *strict liability* fejn il-mibki Professur Mamo ighid:

> ***Strict liability offences do not require proof of fault, and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.***[5]

[5] https://www.alrc.gov.au/sites/default/files/pdfs/publications/fr_129ch_10._strict_or_absolute_liability.pdf

fejn ghalkemm ukoll f'dawn l-offizi ma hemmx il-bzonn li tigi ippruvata l-intenzjoni kriminuza, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difizi. Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-principju ta' *strict liability* ghandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta vikarja kif mahsuba fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> **Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew g]aqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik ilkariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax <u>li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat</u>**

Dan ifisser illi f'dawn il-kazijiet il-piz tal-prova issa ser iddur fuq il-persuna akkuzata b'dan ghalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tipprova, u dan sal-grad tal-probabbli, illi hija ghamlet dak kollu mehtieg sabiex tevita li jigi kommess ir-reat, u li allura ezercitat id-diligenza kollha mehtiega sabiex jigi zgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt.

Dan ifisser illi f'dawn il-vjolazzjonijiet tal-ligi ma hemmx il-htiega li jigi pprovat l-element intenzjonali, ghaliex hekk kif isehh l-element materjali jkun hemm l-infrazzjoni tal-ligi. L-appellant madanakollu li taht is-sorveljanza tieghu kien qed isir ix-xoghol ta' tindif ta' zona pubblika, seta' jressaq il-provi illi huwa ezercita d-diligenza kollha mehtiega sabiex jara illi l-infrazzjoni tal-ligi ma ssehhx.

Issa anke jekk *gratia argomenti*, l-Qorti kellha temmen il-verzjoni tieghu tal-fatti u cioe' illi l-appellant kien ta struzzjonijiet lil Cucciardi, li kien qed isuq il-gaffa, sabiex l-iskart jingabar u jithalla fil-genb sakemm jigi ttrasportat ghal post fejn jintrema dan l-iskart goff, xortawahda jibqa' l-fatt illi fil-kariga tieghu ta' *foreman* huwa kien fid-dmir li jissorvelja x-xoghol li kien qed isir matul l-operazzjoni kollha mill-bidunett sa tmiemha. Certament allura kellu jkun konxju tal-fatt illi Cucciardi kien ser jitfa' l-iskart fil-wied, izda naqas milli jzommu milli jaghmel dan ghaliex is-sewwieq tal-gaffa ipproceda ghar-rimi tal-iskart. Illi huwa indubitat li l-iskart kien goff fid-daqs

tieghu konsistenti f'bicciet ta' ghamara u *tyres* fort ohrajn, skart li jiehu il-hin biex jingabar u jintrema, u allura l-Qorti tistaqsi fejn kien l-appellant bhala *foreman* li suppost qed jissorvelja ix-xoghol meta dan kien qed jingabar u meta Cucciardi beda jipprocedi sabiex jarmieh fil-wied? L-appellant ma iressaqx provi sufficjenti sal-grad tal-probabbli biex jezimi ruhu mir-responsabbilta penali. Lanqas iressaq lil persuna jew persuni li huwa jindika fix-xiehda tieghu bhala dawk in-nies li jigu bil-vann biex ighabbu l-iskart halli jehduh ghar-rimi fis-sit appozitu. Fil-fatt il-pulizija u l-impjegati mal-Awtorita li kienu prezenti fuq is-sit, ghaliex kienu qed jissorveljaw xoghol iehor li kien qed jigi ezegwiet fil-vicinanzi, qatt ma jindikaw illi f'xi hin wasal xi vann jew trukk fuq il-post biex jigbor l-iskart goff li kien hemm.

Mhux biss izda mix-xiehda tal-PS 1030 illi kien preżenti meta seħħ l-allegat rimi ta' skart fuq struzzjonijiet tal-appellant, jirrizulta illi l-oġġetti mormija kienu jikkonsistu f'*tyres*, ġebel, injam, għamara, saqqu u sufan u li konsegwentement ir-rimi ta' dan l-iskart jaqa' fil-kategorija ta' oggetti indikati fit-Tieni Skeda tal-Legislazzjoni sussudjarja. Dawn l-oġġetti nfatti jidhru mir-ritratti li ġew eżebiti quddiem l-ewwel Qorti fejn jidher ukoll illi bejn il-11 ta' Marzu 2015 u s-17 ta' Marzu 2015, l-iskart fis-sit in kwistjoni żdied konsiderevolment.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti marbut mal-piena mposta fuq l-appellant illi fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva li timmerita reviżjoni. Illi l-Qorti sejra tapplika dik il-piena li kienet fis-sehh fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u cioe' dik li tinsab fir-regolament 10(3) tar-Regolamenti tal-2005 dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tnehhija ta' Skart f' Toroq u f'Postijiet jew Zoni Pubblici kif sussegwentment emendati u cioe' dik tal-multa ta' mhux anqas minn €2329.37 u mhux aktar minn €5823.43. Illi allura gjaldarba l-appellant ser jigi lliberat mill-ewwel zewg akkuzi ghandu jkun hemm temperament fil-piena, billi tigi applikata dik il-piena fil-minimu taghha u cioe' il-multa ta' €2330.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tas-seba' imputazzjoni u fejn sabitu ħati tat-tmiem imputazzjoni miġjuba

kontra tiegħu, filwaqt illi tirrevokaha fil-bqija u dan billi tillibera lill-appellant mill-hames u mis-sitt imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Tvarja ghalhekk il-piena inflitta u tikkundannah għal hlas ta' multa ta' €2330.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur